



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, 2023-03-27

### It-trasport tal-merkanzija tal-UE: it-trakk ikompli jirrenja

- o *Il-proporzjon ta' merkanzija tal-UE ttrasportata bit-triq (madwar 77 %) għadu qed jiżdied*
- o *Xi regoli tal-UE maħsuba biex jippromwovu modi oħra ta' trasport mhumiex aġġornati jew huma kontroproduttivi*
- o *In-network tal-infrastruttura tal-UE għad mhuwiex adatt għat-trasport intermodali*

Skont rapport li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, it-trasport intermodali tal-merkanzija tal-UE fadallu x'jaqdef: attwalment, il-ferroviji u l-barkuni ma jistgħux jikkompetu fuq l-istess livell mat-trakkijiet u l-vannijiet. L-isforzi favur it-trasferiment tal-merkanzija lil hinn mit-toroq ma kinux effettivi fit-tneħħija tal-ostakli regolatorji u infrastrutturali li jippenalizzaw modi oħra ta' trasport. Dawn il-problemi jeħtieġ li jiġu indirizzati jekk l-UE tixtieq tilħaq l-ambizzjonijiet ekoloġiċi tagħha.

It-trasport bit-triq huwa l-aktar mod flessibbli biex jitwasslu l-oġġetti, u spiss huwa wkoll l-aktar mod rapidu u rħis. Dan jispjega għalfejn tliet kwarti tal-merkanzija ttrasportata fl-UE għadha qed tinġarr bit-triq. Madankollu, it-trakkijiet iniġġsu ħafna. Bidla li tittrasferixxi t-trasport 'il bogħod mit-toroq u żieda fl-użu ta' modi ta' trasport oħra, bħall-ferroviji jew il-passaġġi fuq l-ilma interni, jista' jkollhom rwol ewlieni fl-ekoloġizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija. Biex tikseb din il-bidla, l-UE pprovdiet 'il fuq minn EUR 1.1 biljun biex tappoġġa l-proġetti ta' intermodalità bejn l-2014 u l-2020.

*"Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport hija fil-qalba tal-għan tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew,"* qalet Annemie Turtelboom, il-Membru tal-QEA li mexxiet l-awditu. *"Għad li l-intermodalità hija għodda ewlenija f'dak l-isforz, it-trasport tal-merkanzija tal-UE mhuwiex fit-triq it-tajba."*

L-awdituri sabu li ma hemm ebda strateġija tal-UE ddedikata dwar it-trasport intermodali tal-merkanzija. L-intermodalità aktar hija parti minn strateġiji usa' dwar l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija, li stabbilew miri kwantitattivi għal żieda fl-użu tal-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni. Iżda peress li dawn il-miri mhumiex vinkolanti, il-pajjiżi differenti tal-UE stabbilew il-miri tagħhom stess. Dawn il-miri nazzjonali mhux neċessarjament jistgħu jitqabblu u mhumiex

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)

allinjati mal-għanijiet tal-UE. Għaldaqstant huwa impossibbli li jiġi vvalutat jekk l-isforzi nazzjonali kkombinati humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi kumplessivi tal-UE f'dak li jikkonċerna l-bidla modali. Fi kwalunkwe każ, il-miri li stabbiliet l-UE għall-2030 u l-2050 (li fl-aħħar mill-aħħar tirdoppja t-traffiku ferrovjarju u żżid l-użu tal-passaġġi fuq l-ilma b'50 %) sempliċiment mhumiex realistiki, skont l-awdituri.

L-awdituri jgħibu l-argument ukoll li xi regoli tal-UE jinbixxu l-attrazzjoni tat-trasport intermodali. Il-verżjoni attwali tad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat mhijiex aġġornata (tmur lura għall-1992) u mhijiex effettiva. Pereżempju, hemm rekwiżit għal dokument fiżiku stampat mill-awtoritajiet ferrovjarji jew portwarji matul il-vjaġġ, minflok fluss tax-xogħol diġitalizzat. Diversi tentattivi min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea biex tirrevedi d-Direttiva ma ntlaqgħux mill-Istati Membri. Safrattant, dispożizzjonijiet regolatorji oħra tal-UE, b'mod partikolari dawk li jirregolaw it-trasport bit-triq, xi drabi jaġixxu kontra l-għan li tiġi inċentivata l-intermodalità. Il-ġestjoni tal-kapaċità u l-interoperabbiltà x'aktarx li se jibqgħu problematiċi fl-assenza ta' azzjoni leġiżlattiva ġdida (eż. dwar l-ippjanar ta' slots għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, regoli ta' prijorità għall-passiġġieri mqabbla mal-ferroviji tal-merkanzija jew ir-rekwiżiti tal-lingwa għas-sewwieqa tal-ferrovija).

L-awdituri jgħbdu l-attenzjoni wkoll għal dewmien li ġarrbu pajjiżi tal-UE huma u jiżguraw il-konformità tal-infrastruttura mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti mid-dritt tal-UE. Pereżempju, l-użu ta' ferroviji itwal li jilħqu t-tul standard Ewropew ta' 740 metru jkun wieħed mit-titjib bl-ogħla kosteffettività fl-isforz biex ikun hemm kompetizzjoni mat-trasport bit-triq. Issa, madankollu, tali ferroviji teoretikament jistgħu jitħaddmu biss fuq nofs il-kurituri ewlenin tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T). In-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-kapaċitajiet tat-terminals u n-networks intermodali jimpedixxi wkoll lill-ispedituri u lill-operaturi tal-loġistika milli joffru lill-klijenti tagħhom soluzzjonijiet ta' trasport intermodali tajba. Ir-reviżjoni proposta tar-Regolament dwar it-TEN-T għandha l-potenzjal li ttejjeb is-sitwazzjoni. Iżda kif inhuma l-affarijiet bħalissa, in-network tat-trasport tal-merkanzija tal-UE sempliċiment mhux adatt għall-intermodalità, jikkonkludu l-awdituri.

### Informazzjoni ġenerali

It-trasport intermodali tal-merkanzija jikkonsisti fit-trasport tal-oġġetti f'unità ta' tagħbija unika (bħal kontejner jew semitrejler) mingħajr maniġġ separat, permezz ta' kombinament ta' modi ta' trasport: bit-triq, bil-ferrovija, mill-passaġġi fuq l-ilma jew bl-ajru. L-intermodalità għaldaqstant tippermettilna nieħdu vantaġġ mill-punti pożittivi relattivi ta' modi ta' trasport differenti.

L-att leġiżlattiv prinċipali li jirregola n-network madwar l-Ewropa kollha għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, minn passaġġi fuq l-ilma interni, bil-baħar u bl-ajru tal-passiġġieri u tal-oġġetti huwa r-Regolament dwar in-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), li l-verżjoni attwali tiegħu ġiet adottata fl-2013. Hemm atti leġiżlattivi rilevanti oħra, bħad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat mill-1992, li hija l-unika leġiżlazzjoni tal-UE speċifika għat-trasport intermodali tal-merkanzija.

Bil-pajjiżi magħżula għal dan l-awditu, inkopru tliet flussi kummerċjali ewlenin, li jikkoinċidu ma' sezzjonijiet tal-kurituri TEN-T: il-kuritur Renu-Alpi (li jibda mill-Belġju u n-Netherlands u jibqa' sejjer sal-Italja), il-kuritur tal-Baħar tat-Tramuntana-Baltiku (bejn il-Polonja u l-Ġermanja), u l-kurituri tal-Baħar Atlantiku u tal-Baħar Mediterran (li jgħaqqdu lill-Ġermanja ma' Spanja minn Franza).

Ir-Rapport Speċjali 08/2023, "Trasport intermodali tal-merkanzija: l-UE għadha 'l bogħod milli tittrasferixxi l-merkanzija lil hinn mit-toroq", huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

**Kuntatt għall-istampa**

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547